# Kunsill Lokali Marsaskala

228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt


Minuti tal-laqgħa Nru : **48** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala Nhar **l-Erbgħa 20 ta' Lulju 2016 fil-5.30p.m.**

## L-Ewwel Seduta

| | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Mario Calleja |
| Viċi Sindku | Is-Sinjorina Desiree' Attard |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Charlot Mifsud<br>Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sur Daniel Spiteri<br>Is-Sur John B Camilleri<br>Is-Sur Sandro Gatt<br>Is-Sur Charlot Cassar<br>Is-Sinjura Elisabeth Cassar |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Skrivana | Is-Sinjura Lucille Bonnici |

## ***Aġenda***

1. Konsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 47.
2. Punti li joħorġu mill-Minuti.
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill.
4. Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Approvazzjoni tar-Rapport ta' kull kwart April sa Ġunju 2016
6. Aġġudikazzjoni tat-Tender KLM 2016/02 – Service of an accountant for Marsaskala Local Council.
7. Mistoqsijiet.
8. Mozzjonijiet.
9. Informazzjoni mill-Kunsilliera.
10. Aġġornament.


Mayor
**Mario Calleja**

Vice Mayor
**Desiree` Attard**

Councillors
**John Baptist Camilleri**
**Charlot Mifsud**
**Charlot Cassar**
**Elisabeth Cassar**
**Lawrence Ciantar**
**Daniel Spiteri**
**Sandro Gatt**

Executive Secretary
**Josef Grech**

1.0 ***Qari w approvazzjonital-Minuti :***

1.1 **Laqgħa Nru 45(1) tad-19 ta' Mejju 2016:**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.

Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ppropona l-approvazzjoni tal-minuti u l-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri ssekonda. Il-votazzjoni kienet 6 favur, 0 kontra.***

***Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.***

2.0 ***Punti li joħorġu mill-Minuti:***

2.1 **Laqgħa Nru 47(1) tat-23 ta' Ġunju 2016:**

2.1.1 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq paġna 8 artiklu 4.1 rigward il-knies li qed jsir fil-lokal. Huwa qal illi il-knies mhux qed jsir kif suppost u ħafna mit-toroq mhux qed jinkinsu sew. Huwa ġab eżempju bħal Triq il-Batterija ta' Żonqor u Triq is-Salini speċjalment minn quddiem il-Kunsill sa ħdejn l-eks Jerma Palace Hotel.

Is-Sindku wieġeb illi meta jkun hemm ir-riħ toroq bħal Triq is-Salini u Triq il-Qaliet jkun hemm ħafna trab u karti. Huwa stieden lil kulħadd sabiex min ikollu l-ilmenti jgħaddijomlu sabiex hu jgħaddijom immedjatament lil kuntrattur.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt daħal għal laqgħa fis-5.55pm.***

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal ukoll illi d-*doggy bins* qed jintnu ħafna u hemm bżonn illi jinħaslu.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal illi l-aħjar jitpoġġew boroż ġod-*doggy bins* bħal ma hemm il-*family park* sabiex nevitaw li jitħamġu u b'konsegwenza jrewħu.

Is-Sindku qal illi reġa wasal iż-żmien illi jinħaslu l-*bins* is-suwed ta' madwar il-promenade u għaldaqstant jinħaslu ukoll id-*doggy bins*.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex niċċekjaw liema kuntrattur huwa responsabbli mid-*doggy bins* u jekk l-ebda kuntrattur ma huwa responsabli skond il-kuntratt inqabdu il-ħaddiema tagħna.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa jekk konniex ktiebna lil kuntrattur tal-knies sabiex ninfurmawh illi l-kwalita tax-xogħol li qed issir hija nferjuri.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi kellimna lil kuntrattur kemm verbalment u kif ukoll bil-miktub pero` fuq il-kwistjoni tal-ħaddiema skond kif hemm stipolat fil-kuntratt.

Is-Sindku qal illi l-kuntrattur tal-knies meta għaddejnilu l-ilmenti dejjem mar immedjatament kull meta seta u ġab eżempju ta' Triq il-Granmastri ħdejn is-*substation*.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li qed jkollna diversi ilment fuq diversi artijiet li hemm Bellavista fejn qed jintrema ħafna ħmieġ ġo fihom.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li Triq il-Gemmugħa ma Triq il-Qrempuċ hemm ħafna ħmieġ.

Is-Sindku qal illi hemm ħafna toroq illi hemm bżonn li jinqatalhom il-ħaxix u għandna ninfurmaw lill kuntrattur tal-qtugħ ta ħaxix taż-żoni mhux urbani.

2.1.2 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 8 artiklu 3.5 fejn staqsa jekk saritx il-laqgħa mal-Perit fuq il-bandli taż-Żonqor

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-laqgħa ma saritx għax kien hemm ħafna xogħol għaddej fuq it-toroq.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi ma jistax jkun nibqu sejrin hekk b'dan is-servizz tal-Perit għax ser jgħaddi is-sajf u ser nkunu għadna ma bdejna xejn fuq il-proġett tal-bandli taż-Żonqor.

Il-Kunsill qabel unanimament illi niktbu lil Perit u ntugħ *deadline* sa l-aħħar ta' dan ix-xahar sabiex jagħtina data biex niltagħqu miegħu rigward dan il-proġett.

2.1.3 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 4 artiklu 2.1.8 fuq il-gaġġeg tal-ħut ġewwa l-Bajja ta' San Tumas fejn saħaq illi dawn il-gaġġeġ ma għandhomx għalfejn jissewwew ġol bajja ta' Marsaskala.

Is-Sindku wieġbu illi l-permessi relattivi mhux fil-kompetenza tal-Kunsill qedgħin.

2.1.5 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa fuq il-latrini jekk is-servizz tjiebx.

Is-Sindku wieġbu illi il-latrini tnaddfu u l-manutunzjoni fuq il-latrini qed issir.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv jekk kien tkellem mas-Sur Ramon Deguaro d-Direttur tal-*Cleansing Department* peress li fil-laqgħa li kellu taż-żoni turistiċi kien ressaq il-problemi li għandna fil-lokal tagħna u kien talab l-għajnuna min naħa tal-*Cleansing* forsi jkun possibli jassenjalna xi nies magħna sabiex fil-latrini jkun hemm *attendant* magħhom.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex niktbu lis-Sur Ramon Deguara id-Direttur tal-*Cleansing Department.*

- ***Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar daħal għal laqgħa fis-6.15pm***

3.0 ***<u>Komunikazzjoni u korrispondenza li s-Sindku jixtieq iressaq quddiem il-Kunsill:</u>***

3.1 **<u>Proposta għal memorandum tal-community workers scheme rigward l-approvazzjoni tal-performance bonus lill-ħaddiema fuq diversi kriterji: (35/2667/16/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsilliera illi tkellem mas-Sur Bonavia fejn staqsih illi peress li l-kundizzjoni tal-*performance bonus* tifforma parti minn kuntratt sħiħ jekk jistax il-Kunsill jiffirma l-kuntratt mingħajr ma jaċċetta illi kundizzjoni tal-*performance bonus* dejjem jekk tkun hekk id-deċiżjoni tal-Kunsill. Huwa kompla jispjega illi is-Sur Bonavia qallu li l-maġġoranza tal-Kunsill kollha qablu illi jgħatu l-*performance bonus* lil ħaddiema.

Is-Sindku qal li bħal ma diġa` spjega fil-laqgħa preċedenti huwa tal-fehma illi aħna ser nkunu qed nieħdu s-servizz ta dawn il-ħaddiema mingħajr ma nħalsu pagi, *sick leave* u *leave* u għaldaqstant il-fatt illi aħna nħalsu *performance bonus* huwa veru ammont żgħir meta tikkomparah mal-l-ispejjeż l-oħra li ser jkunu qed jitħallsu mill-Gvern Ċentrali.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal li huwa tal-opinjoni illi niktbu lid-Direttur tal-Kunsilli Lokali sabiex nieħdu parir mingħandu.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa l-ħinijiet li suppost jaħdmu dawn il-ħaddiema.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi meta kellhom il-laqgħa kienu qalulhom illi il-ħinijiet li jistgħu jaħdmu huma mis-6.00am sa 4.00pm u l-Kunsill jiddeċiedi l-ħin li għandu jħaddimhom.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi rigward ix-xogħol kemm il-ħaddiema tal-RSS u kif ukoll dawn il-ħaddiema għandhom jiġu assenjati l-istess xogħol.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi diġa kellem lil ħaddiema fuq dan il-fatt illi kulħadd għandu jaħdem u mhux jispiċċa jkun hemm xufier u l-ħaddiema l-oħra jaħdmu.

Il-Kunsill qabel unanimament illi niktbu lid-Direttur tal-Kunsilli Lokali dwar il-kuntratt ta' dawn il-ħaddiema kif ukoll rigward il-*performance bonus*.

3.2 **<u>Laqgħa tal-kumitat kulturali li saret fl-uffiċċini amministrattivi tal-Kunsill fil-5 ta' Lulju 2016 (35/2608/16/I):</u>**

Is-Sindku spjega lil Kunsilliera li kienet saret laqgħa ta' dan il-kumitat sabiex jiddiskutu kif nistgħu naqsu l-ispejjeż tal-attivitajiet u l-kumitat qabel illi jsir kunċert mill-banda nhar il-Ħamis 21 ta' Lulju fi żmien tal-festa ħalli tingħata il-prominenza lil banda tal-lokali u minflokk ntellgħu attivita` f'Settembru f'Jum Marsaskala għar-rikonixximenti u Ġieħ Marsaskala, dawn jingħataw fil-21 ta' Lulju wara il-kunċert tal-banda. Huwa kompla jispjega illi r-rikonoxximenti ser jingħataw lil Fr. Martin, lis-Sur Wallace Casingena li kiteb ktieb u li huwa residenti f'Marsaskala u żewġ kantanti minn Marsaskala filwaqt li Ġieh Marsaskala ser tingħata lis-Sinjura Carmen Debono l-mara tal-mibki Alfred Debono. Huwa kompla jispjega illi din is-sena minflokk ser nagħtu t-*trophy* ta' Ġieh Marsaskala ser ngħatu *frame* b'ritratt.

Is-Sindku kompla jispjega illi bħala spejjeż ser jiġu €450 vat inkluż sabiex jkopri d-dawl u *sound*. Huwa stieden lil kulħadd għal din l-attivita`.

3.3 **<u>Ċirkulari 6/2016 – Obbligi u dmirijiet tas-Segretarju Eżekttiv (35/2572/16/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li rċevejna din iċ-ċirkulari min-naħa tad-diaprtiment sabiex titressaq għal laqgħa tal-Kunsill sabiex jinforma lil Kunsilliera illi s-Segretarju Eżekuttiv huwa l-persuna responsabbli mil-finanzi tal-kunsill kif ukoll bir-responsabbiltajiet kollha li joħorġu.

3.4 **<u>Tiġdid tal-kuntratt tal-kirja tal-uffiċċini amministrattivi tal-Kunsill (35/2485/16/I):</u>**

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex jġedded il-kuntratt tal-kiri tal-uffiċċju tal-kunsill għal sena oħra.

3.5 **<u>Korrispondenza mingħand Ryan Portelli rigward fondi tal-EU:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill Kunsill illi is-sur Ryan Portelli qed jinfurmana lill hemm proġett tal-Erasmus plus fejn qed jissuġerixxi li japplika għalih. Dan il-proġett ser jinvolvi l-Għaqda Mużikali Sant'Anna u l-Għaqda Dilettanti tal-armar. Huwa kompla jispjega illi l-Kunsill ser jkun bħala *lead partner* f'dan il-proġett.

Il-Viċi Sindku staqsiet sabiex nitolbuh iktar nformazjoni.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex nitolbuh l-*link* b'iktar informazzjoni.

3.6 **Stima mingħand Nexos għal proposta ta' irranġar ta' arbli tad-dawl fi Triq il-Blajjiet:**

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi din l-istima hija bbażata fuq 10 arbli iżda ser jkollna bżonn 13 il-arblu. Apparti minn hekk huwa spjega illi l-*cable* qiegħed bil-metru jiġri u hemm meddha ta madwar 500 metru. Huwa kompla jispjega illi fi Triq Għaxqet l-Għajn kienet saret applikazzjoni għal-tlett arbli oħra iżda ilhom madwar erbgħa snin pendenti u huwa tal-opinjoni illi kif nkunu għaddejjin bix-xogħol jsiru dawn dawn it-tlett arbli ukoll. Ix-xogħol f'din it-triq jinvolvi wkoll xogħol ta'skavar ta' trinka li trid issir mill-Kunsill.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jsiru dawn ix-xogħolijiet fi Triq il-Blajjiet kif ukoll l-arbli fi Triq Għaxqet l-Għajn u t-trinka neċessarja. Dawn ix-xogħolijiet ser jiswew iktar minn €12,000.

3.7 **Case 395/2016 – Fond għall-Proġetti Kapitali (35/2691/16/O) :**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega lil Kunsilliera illi din il-korrispondenza hija rigward il-fondi li konna erbaħna. Huwa kompla jispjega illi l-applikazzjoni kienet fuq €150,000 liema fondi kellhom jinqasmu fuq medda ta tlett snin. Huwa kompla jispjega illi d-dipartiment ikkonferma biss €50,000 għall-ewwel sena iżda qed jitolbuna konferma illi dan il-proġett ser jitwettaq kollu.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi aħna għandna bżonn madwar €150,000 bħala fondi kif kien spjegat fl-applikazzjoni u b'€50,000 biss ma nistgħux nibdew il-proġett.

3.8 **Korrispondenza mingħand is-Sur David vella rigward possibilita li jsiru plastic humps fi Triq is-Skiet (35/1309/16/I) :**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi dan ir-resident joqgħod ġo Triq is-Skiet u kull darba li tagħmel ix-xita qed jispċċaw jerqu bl-ilma u talab l-għajnuna tal-kunsill.

Il-Kunsill qabel unanimament illi issir *plastic road hump* fi Triq is-skiet ma Triq ta' Gidwet sabiex nipruvaw insolvu l-problema tal-ilma tax-xita.

3.9 **Triq li qed tinfetaħ fi triq tal-Gardiel ma Triq il-Vjola :**

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa meta ser jtikompla x-xogħol f'din it-triq.

Is-Sindku qal li meta kienu qed jħafru bil-musmar f'din it-triq sabu bir u kellhom jieqfu u apparti minn hekk hemm art li għad trid tiġi espropjata` u allura l-ftuħ ta Triq il-Vjola se ssum biex issir.

3.10 **Culvert fi triq ġdida li nfetħet fi Triq tal-Buttar :**

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa jekk sarux il-culverts f'din it-triq.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li ma sarux.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex niktbu lit TM sabiex ngħidulom bil-problema illi jekk ma jsirux il-*culvert* u l-bidwi li għandu l-għalqa jiddeċieda li jgħalaq l-entratura tal-għalqa tiegħu jer jispiċċaw bi problema tal-ilma tax-xita r-residenti ta' din it-triq.

3.11 **Kollettur tal-iskart :**

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Cianatar ġibed l-attenzjoni illi l-kollettur tal-iskart qed jibda jiġbor l-iskart fis-7 ta' filgħodu u jkun hemm konġestjoni ta' karozzi peress li huwa l-ħin li ħafna nies joħorġu għax-xogħol. Huwa kompla jgħid ukoll li l-kontenituri ta' madwar il-*promenade* qed jkunu bla borża l-bajda.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal illi l-istess problema tal-kollettur li qed jibda kmieni u jkun hemm konġestjoni fi Triq l-Iskal ukoll.

3.11 **Korrispondenza mingħand il-propjetaru ta' Uncle Matt's kitchen sabiex issir majjalata għal-Puttinu (35/2755/16/I) :**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li s-Sur Pace qed jitlob sabiex issir majjalata għal madwar 100 ruħ quddiem dan l-istabbilment. Huwa qal ukoll illi fil-korrispondenza qed jgħid illi għamel pjanti ġodda minħabba l-istrutta tal-injam li kien issottometta fl-applikazjoni mal-PA.

Il-Kunsill qabel unanimament illi din l-attivita` issir fuq is-simenta minflokk quddiem *Uncle Matt's Kitchen* minħabba li dan jinsab fil-bandli u ser jkun hemm ammont ta nies konsiderevoli.

Il-Kunsill qabel ukoll illi nitolbuh kopja tal-pjanti l-ġodda li tikkonċerna l-applikazzjoni lil PA.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġibed l-attenzjoni illi issir li għaddiet l-attivita` tal-*Euro cup* u l-permessi għal-imwejjed u siġġijiet għalqu hemm bżonn li jirregolaw ruħom.

3.12 **Bankijiet fi Ġnien Sant'Anna:**

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Cianatr qal li kien hemm bankijiet quddiem il-funtana u tneħħew u tpoġġew wara l-*istage* ta' Pjazza Dun Tarċis Aguis.

Is-Sindku wieġbu illi dawk inqalgħu peress li ser jitwaħlu bankijiet oħrajn minflokom.

3.13 **Tim tal-futbol u tal-waterpolo:**

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera illi ltaqa ma persuna Pakistana u staqsih x'tip ta' spots għandna fil-lokalita` tagħna. Huwa kompla jispjega li nfurmah illi fil-lokal għandna tim tal-futbol u ieħor tal-waterpolo. Is-Sindku kompla jgħid illi din il-persuna talbet sabiex jekk ma nsibux oġġezzjoni jġib tim minn barra kemm tal-futbol u kemm tal-waterpolo u jsir tournament.

4.0 ***Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet* :**

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kuntrattur tal-latrini il-ġdid is-Sinjorina Annalise Farrugia kella tgħamel xogħol *extra* fuq il-latrini minħabba li l-latrini ma tħallewx fi stat tajjeb. Huwa kompla jispjega li dan l-ammont jammonta għal-€380euro. Is-Segretarju Ezekuttiv kompla jispjega illi l-kuntrattur preċedenti tal-latrini is-Sur Mattew Attard preżenta l-aħħar tlett kontijiet li huma kif ġejjin.

1) Extra works tal-latrini bin-numru tal-invoice 71 li jammonta għal €354.00
2) Public conveniences għax-xahar ta Ġunju bin-numru tal-invoice 72 li jammonta għal €687.23
3) Public Convenience għax-xahar ta' Mejju bin-numru tal-invoice 70 li jammonta għal €1638.78.

Il-Kunsill qabel unanimament illi il-pagament tax-xogħolijiet extra li kellha tgħamel Annalise Farrugia jitnaqsu minn ta' Mattew Attard.

**Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar ippropona l-awtorizazzjoni tal-pagamenti u l-Viċi Sindku Desiree Attard issekondat.**

5.0 ***Approvazzjoni tar-rapport tal kull kwart April sa Ġunju 2016 :***

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega r-rapport tal kull kwart. Huwa kompla jispjega illi għal din is-sena il-fondi fuq it-toroq u l-bankini ġie eżawrit kollu u għaldaqstant għal din is-sena ma jistgħux jsiru iktar proġetti fuq toroq u bankini.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa l-Kunsillier illi l-kuntrattur Karmig ingħata l-offerta tal-fajtata liema xogħol ser jitħallas min-naħa tal-MTA.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar talab sabiex jingħata lista bit-toroq tal-proġetti li saru fuq il-bankini u toroq.

**Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard ipproponieta l-approvazzjoni tar-rapport tal-kull kwat minn April sa Ġunju u l-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar issekondat.**

6.0 ***Aġġudikazzjoni tat-tender KLM 2016/02 – Service of an Accountant for Marsaskala Local Council :***

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li dan kien l-ewwel tender bl-*e procurement* u irringrazzja lill-Kunsilliera is-Sur Lawrence Ciantar u Sur Charlot Mifsud li kienu l-Kunsilliera preżenti waqt il-ftuħ tat-*tender*. Huwa kompla jispjega illi l-bord iltaqa ukoll u biex evalwaw offerent waħda damu madwar tlett siegħat u dan is-servizz ma jistax jsir bla ħlas.

Il-Kunsill qabel unanimament illi din l-offerta tingħata lil uniku offerent is-Sinjura Doreen Mintoff għas-somma ta' €19620 eskluż il-vat għal tlett snin.

7.0 ***Mistoqsijiet :***

Ma kien l-ebda mistoqsija

8.0 ***Mozzjonijiet :***

8.1 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier is-Sur John B Camilleri u ssekondata mis-Sindku (#128 – 21/6/16):**

*"Jipproponi biex fi Triq iz-Zonqor fuq bankina indikata nagħmlu zewġ bankijiet ġodda."*

Il-Kunsillier John B. Camilleri spjega li dawn jridu jsiru faċċata ta' Lukaya Flats fejn hemm it-taraġ.

Il-Kunsill qabel unanimament dawr dan.

8.2 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier mis-Sur Charlot Cassar u ssekondata mill-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard (#129 – 18/7/16):</u>**

*"Jipproponi illi għar-raġunijiet imniżżla f'mozzjoni numru 63, data 9 t'April 2014 approvata f'laqgħa 19, data 22 t'April 2014 u fid-dawl ukoll tat-tweġiba għall-mistoqsija Parlamentari numru 26624, data 5 ta' Lulju 2016, nipproponi li l-Kunsill Lokali ta' Marsaskala jagħmel talba formali lill-Awtorità tal-Ippjanar sabiex, fir-rigward tal-bini żdingat u abbandunat ta' dik li kienet il-lukanda Jerma Palace, tieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jitneħħa b'mod permanenti l-periklu, l-inkonvenjent u r-riskji gravi li din il-binja żdingata u abbandunata qed toħloq għal saħħet in-nies u l-interess pubbliku. Nipproponi wkoll illi f'din ir-rikjesta, il-Kunsill Lokali ta' Marsaskala jitlob li jekk hu deċiż jew jiġi deċiż illi din l-istruttura mostruża hija kkundannata, ma baqgħalhiex jew mhux se jkollha ebda użu, din għandha titwaqqa' minnufih (anke jekk il-permess għall-iżvilupp jibqa' pendenti) għall-ġid, b'mod partikulari, tal-lokalità tagħna, tan-nies li jgħixu Marsaskala u dawk kollha li jżuru din il-lokalità, u wkoll għall-ġid tal-kommunità kummerċjali lokali u l-interess nazzjonali ta' pajjiżna."*

Is-Sindku qal li din hija kontra l-proċedura tal-MEPA illi meta jkun hemm l-permessi ma tistax twaqqa.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi ma nistgħux nħallu l-affarijiet kif inhuma.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi din hija art privata.

Is-Sindku qal illi fl-opinjoni tiegħu għandna niktbu lil Mepa u nippressaw biex il-kuntrattur jwaqqu l-bini.

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

8.3 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier mis-Sur Charlot Mifsud u ssekondata mill-Viċi Sindku s-Sinjura Deisree Attard (#130- 18/7/16):</u>**

*"Jipproponi sabiex nitolbu lill-awtoritajiet tas-saħħa ħalli tizdied ġurnata oħra mat-tnen li diġa hemm biex tinfetaħ il-berġa. Peress li l-lokal kiber u l-aktar issa fis-sajf aktar nies jagħmlu uzu mill-berġa tal-Lokal."*

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan

9.0 **<u>Informazzjoni mill-Kunsilliera :</u>**

Ma kien hemm ebda nformazzjoni.

10.0 **<u>Aġġornament :</u>**

L-Aġenda ġiet ezawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fit-8:30p.m. Il-Laqgħa li jmiss ser issir Nhar it-Tnejn 29 ta' Awissu fil-5:30pm.

| | |
|---|---|
| _______________ | ________________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |